I

(Atti leġiżlattivi)

ADOZZJONI DEFINITTIVA (UE, Euratom) 2021/2220
tal-Baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021

IL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(4)(a) u (9) tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li thassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([1]),

wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([2]),

wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([3]),

wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([4]),

wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, adottat b'mod definittiv fit-18 ta' Diċembru 2020 ([5]),

wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2021,

wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2021, adottata mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2021 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ottubru 2021,

wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill mill-Parlament fl-24 ta' Novembru 2021,

wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

([1]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([5]) ĠU L 93, 17.3.2021, p. 1.

JIKKONFERMA LI:

Artikolu Uniku

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tlestiet u l-baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 ġie adottat b'mod definittiv.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2021.

Il-President

D. M. SASSOLI

NEFQA

Titolu	Intestatura	Baġit 2021		Baġit emendatorju Nru 5/2021		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01	RIĊERKA U INNOVAZZJONI	12 646 069 534	10 716 492 949			12 646 069 534	10 716 492 949
02	INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ	5 236 934 445	3 954 691 493			5 236 934 445	3 954 691 493
03	SUQ UNIKU	899 252 697	833 005 699			899 252 697	833 005 699
04	SPAZJU	2 034 303 091	1 687 697 091			2 034 303 091	1 687 697 091
05	ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI	35 410 370 000	45 755 416 812			35 410 370 000	45 755 416 812
06	IRKUPRU U REŻILJENZA	1 059 937 421	1 028 986 793			1 059 937 421	1 028 986 793
07	NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI	16 607 631 113	19 577 122 299			16 607 631 113	19 577 122 299
08	AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA	56 565 951 003	56 302 994 194			56 565 951 003	56 302 994 194
	Riżervi (30 02 02)	*74 600 000*	*71 600 000*			*74 600 000*	*71 600 000*
09	AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA	1 930 015 905	431 609 258			1 930 015 905	431 609 258
10	IL-MIGRAZZJONI	1 011 065 714	1 439 158 714			1 011 065 714	1 439 158 714
11	ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI	1 267 764 045	1 247 087 264			1 267 764 045	1 247 087 264
12	SIGURTÀ	536 501 243	527 390 243			536 501 243	527 390 243
13	DIFIŻA	1 172 760 198	143 238 000			1 172 760 198	143 238 000
14	AZZJONI ESTERNA	14 195 917 731	8 928 643 283	149 643 796		14 345 561 527	8 928 643 283
15	ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI	1 901 438 473	1 882 396 073			1 901 438 473	1 882 396 073
16	NEFQA LIL HINN MILLIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI	97 981 598	117 981 598			97 981 598	117 981 598
20	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA	3 724 183 236	3 725 458 325			3 724 183 236	3 725 458 325
21	SKEJJEL EWROPEJ U PENSJONIJIET	2 411 594 399	2 411 594 399			2 411 594 399	2 411 594 399
30	RIŻERVI	3 193 368 000	2 992 983 000			3 193 368 000	2 992 983 000
	Total	**161 903 039 846**	**163 703 947 487**	**149 643 796**		**162 052 683 642**	**163 703 947 487**
	Li minnhom Riżervi (30 02 02)	***74 600 000***	***71 600 000***			***74 600 000***	***71 600 000***

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Baġit 2021		Baġit emendatorju Nru 5/2021		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 01	NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER"AZZJONI ESTERNA"	341 754 224	341 754 224			341 754 224	341 754 224
14 02	L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI)	11 744 285 623	6 187 464 534			11 744 285 623	6 187 464 534
14 03	GĦAJNUNA UMANITARJA	1 491 512 450	1 888 615 000	149 643 796		1 641 156 246	1 888 615 000
14 04	POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI	351 327 000	328 068 070			351 327 000	328 068 070
14 05	PAJJIŻI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ	65 670 651	32 098 369			65 670 651	32 098 369
14 06	L-ISTRUMENT EWROPEW GĦAS-SIKUREZZA NUKLEARI (EINS)	36 115 200	31 000 000			36 115 200	31 000 000
14 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	165 252 583	119 643 086			165 252 583	119 643 086
	Titolu 14 — Total	**14 195 917 731**	**8 928 643 283**	**149 643 796**		**14 345 561 527**	**8 928 643 283**

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 03 — GĦAJNUNA UMANITARJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2021		Baġit emendatorju Nru 5/2021		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 03	GĦAJNUNA UMANITARJA							
14 03 01	***Għajnuna Umanitarja***	6	1 416 512 450	1 820 000 000	149 643 796		1 566 156 246	1 820 000 000
14 03 02	***Prevenzjoni tad-diżastri, tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u tħejjija***	6	75 000 000	68 615 000			75 000 000	68 615 000
	Kapitolu 14 03 — Total		**1 491 512 450**	**1 888 615 000**	**149 643 796**		**1 641 156 246**	**1 888 615 000**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu maħsuba biex ikopru n-nefqa operazzjonali dwar l-għajnuna umanitarja, il-prevenzjoni tad-diżastri, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri, u t-tħejjija f'pajjiżi terzi.

L-għajnuna tingħata lill-vittmi mingħajr diskriminazzjoni jew distinzjoni sfavorevoli fuq il-bażi ta' razza, oriġini etnika, reliġjon, diżabilità, sess, età, nazzjonalità jew affiljazzjoni politika. Tali għajnuna tingħata skont id-dritt umanitarju internazzjonali u ma għandhiex tkun suġġetta għal restrizzjonijiet imposti minn donaturi sħab oħrajn, dment li tkun neċessarja biex tissodisfa l-esiġenzi umanitarji li jinbtu minn tali sitwazzjonijiet.

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.07.1996, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 03 — GĦAJNUNA UMANITARJA *(ikompli)*

14 03 01 Għajnuna Umanitarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2021		Baġit emendatorju Nru 5/2021		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 416 512 450	1 820 000 000	149 643 796		1 566 156 246	1 820 000 000

Kummenti

Artikolu preċedenti

23 02 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-operazzjonijiet umanitarji u ta' assistenza alimentari ta' natura umanitarja biex jgħinu lin-nies fil-pajjiżi terzi li huma vittmi ta' kunflitti jew diżastri, kemm naturali kif ukoll ikkaġunati mill-bniedem (gwerer, tifqigħ ta' ġlied, eċċ.) jew emerġenzi simili, għal kemm ikun hemm bżonn biex jintlaħqu l-bżonnijiet umanitarji li jinħolqu f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri x-xiri u l-kunsinna ta' kull prodott jew apparat meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, inkluż il-bini ta' djar jew xelters għall-gruppi affettwati ta' persuni, xogħol ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'terminu qasir, partikolarment ta' infrastruttura u faċilitajiet, il-kostijiet assoċjati ma' persunal estern, espatrijat, jew lokali, ħażna, konsenji bil-baħar internazzjonali jew nazzjonali, appoġġ loġistiku u distribuzzjoni ta' għajnuna u kull azzjoni oħra mmirata li tiffaċilita l-libertà ta' aċċess lil min jirċievi l-għajnuna.

Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri kosti oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, bħall-assistenza teknika fiż-żmien mitlub u b'manjiera li tissodisfa l-ħtiġijiet tar-reċipjenti, jiġi sodisfatt ir-rekwiżit li jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta' kosteffettività u tingħata aktar trasparenza.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	4 000 000 3 3 0, 3 3 8, 3 3 9, 6 5 0 1